**215. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## RIŻOLUZZJONI DWAR TIĠDID TA' KIRI TA' HUTS F'ĦAL LUQA LIN-NIES TAS-SENGĦA

Billi b'riżoluzzjoni Nru. 203 tas-Seduta Nru. 310 tas-7 ta' Awissu, 1979, il-Kamra tad-Deputati approvat għotja b'kiri ta' huts lil nies tas-sengħa, f'Ħal Luqa.

U billi skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, Riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati mgħoddija għall-finijiet tal-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu fuq imsemmi tibqa' sseħħ għal żmien tliet xhur mid-data li tgħaddi, iżda tista' tiġġedded b'riżoluzzjoni oħra li ssir wara, għall-perijodu ieħor ta' tliet xhur jew għal dak il-perijodu ieħor ta' tliet xhur jew għal dak il-perijodu l-ieħor li jista' jiġi speċifikat.

Għalhekk huwa b'dan riżolut li r-riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati fuq imsemmija tas-7 ta' Awissu, 1979, tiġġedded sas-7 ta' Novembru, 1980.

10.10.1979